MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 104/2001/1

**Publius u Carmen konjugi Buttigieg**

**v.**

**Anthony Demanuele u Joseph Demanuele**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti Anthony u Joseph Demanuele minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fit-2 ta’ Dicembru 2008 li ddisponiet mill-kawza billi laqghet

it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ €6124.50 bl-ispejjez.
2. Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

“Il-Qorti,

“PRELIMINARI

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

“Illi nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) wara nofsinhar meta kien fil-port ta’ l-Imgarr Ghawdex, l-attur Publius Buttigieg, gie aggredit mill-konvenuti li hebbew ghalieh, sawwtuh inkluz permezz ta’ oggett li jaqta’ u tawh xeba ghal xejn b’xejn.

“Illi minhabba din ix-xeba l-attur sofra ghadd ta’ griehi whud minnhom, griehi ta’ natura permanenti.

“Illi ghal hekk minhabba dan l-incident u minhabba dawn l-istess griehi, l-attur sofra ghadd ta’ danni konsistenti, f’danni emergenti kif ukoll lukri cessanti.

“Illi l-atturi jridu li dan id-danni jigu likwidati; u kull meta talbu lil konvenuti sabiex jersqu ghal tali likwidazzjoni dawn baqghu inadempjenti.

“Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjarahom responsabbli ghal l-incident ta’ l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) fuq imsemmi fejn l-attur safa, aggredit, u msawwat minn l-istess konvenuti.

“2. Tillikwida, jekk hemm bzonn permezz ta’ esperti nominandi, dawk id-danni sofferti minn l-atturi kawza ta’ dan l-istess incidenti.

“3. tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu dawk id-danni hekk likwidati lil atturi.

“Bl-ispejjez kollha inkluza VAT, u nkluzi dawk tal-mandat ta’ Qbid Kawtelatorju gia prezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti, u dawk ta’ l-ittri interpellatorji tas-26 ta’ Ottubru 2001 u tat-12 ta’ Novembru, 2001.

“Bl-ingunzjoni minn issa taz-zewgt konvenuti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament mahlufa minn Publius Buttigieg.

“Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi:
“1. Illi t-talbiet ta’ l-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex l-incident imsemmi mill-atturi gie instigat interament mill-attur Publius Buttigieg.

“2. Illi kuntrarjament ghal dak allegat kienu proprju l-konvenut li gew aggrediti mill-attur u kienu l-vittmi ta’ l-incident. Dak kollu li sar mill-konvenuti sar biss sabiex jipprotegu rwiehhom.

“3. illi huwa michud li l-attur sofra xi debilitazzjoni permanenti konsegwenza ta’ dan l-incident.

“4. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Anthony Demanuele.

“Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Frar 1999 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Swain bhala espert mediku sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar l-istat ta' sahha fizika tieghu.

“Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku pprezentata fl-1 ta' Lulju 2002 u mahlufa minnu fl-24 ta' Frar 2006.

“Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju 2006 fejn fuq talba ta' l-attur, hatret lill-kirurgi Mr. Charles Grixti u Mr. Raymond Aquilina u lid-dentist Dr. Joseph Xuereb bhala periti addizzjonali.

“Rat ir-rapport taghhom tad-29 ta' Dicembru 2006 debitament mahluf.

“Rat il-verbal taghha tas-6 ta' Mejju 2008 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-atturi.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti w affidavits esebiti.

“Rat ukoll il-provi migbura fil-kawza: "Pulizija vs Anthony Demanuele et." allegati bid-digriet taghha tal-11 ta' Novembru 2003.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawza ghad-danni *ex delicto* maghmula mill-atturi in segwitu ghal incident illi nqala' waqt illi l-attur kien qieghed f'*garage* ta' sajjied bhalu, l-Imgarr, Ghawdex, u skond ma jghid, gie aggredit mill-konvenuti, bil-konsegwenza li safa' ferut bid-daqqiet ta' ponn li qala' u t-tixjir ta' tazza miksura. Il-konvenuti jikkontestaw kemm ir-responsabilita', ghax isostnu illi huma rreaggixxew b'*leggittima difesa* ghhall-aggressjoni ta' l-attur stess, kif ukoll l-allegazzjoni li l-attur sofra xi danni.
“FATTI

“Mill-provi prodotti, nkluzi dawk li gabar is-surgent li nvestiga l-kaz *a tempo vergine,* jirrizulta illi l-incident mertu ta' din il-kawza nqala' meta l-konvenut Anthony Demanuele, irrabbjat ghall-attur ghax kien ghadu kemm sema' minn terzi li dan kien qed jghid fil-hwienet li hu kien qed jiskarta minn fuq ix-xoghol mal-gvern biex imur jistad, dahal ghalieh gewwa l-*garage* ta' certu Andrew Xuereb, fil-prezenza tieghu u ta' certu Anthony Grech, u wara li saqsieh ghaliex kien qed jaqla' dawk il-qlajjiet kontra

tieghu meta huwa qatt ma kien ghamillu xejn, hu u l-attur spiccaw fl-idejn u bdew jaghtu l-xulxin. Wara xi minuti jissieltu bejniethom, Demanuele hareg 'l barra, u l-attur gie nkuraggit jibqa' ghal xi hin hemm gew sakemm jistejqer u l-affarijiet jikkalmaw xi ftit. Imma lanqas kienu lahqu ghaddew ghaxar minuti li Demanuele ma regax dahal fl-istess *garage,* din id-darba akkumpanjat minn huh Joseph, il-konvenut l-iehor, u dawn regghu spiccaw fl-idejn ma' l-attur. B'konsewgenza ta' din it-tieni aggressjoni l-attur spicca tilef immedjatament zewg sinniet, u eventwalment is-sinniet kollha ta' fuq. Kellhom ukoll isiru xi punti f'wiccu u f'ghonqu minhabba ticrit li garrab f'dawk il-partijiet ta' gismu.

“RESPONSABILITA'

“Il-konvenuti jikkontendu illi dak li ghamlu kien biex jirrespingu l-aggressjoni ta' l-attur. Kif intqal mill-qrati taghna f'dan ir-rigward: "*Fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difiza hemm il-fattur tal-inevitabbilita', u minghajr il-konkors ta' dan il-fattur ma tistax tinghata dik l-iskuzanti*." [1] Il-konvenut Anthony Demanuele jallega illi l-attur fajjarlu daqqa taht ghajnu x-xellugija bi flixkun tal-Coca li hareg minn basket li kellu f'idejh, qabel ma spiccaw fl-idejn. Sew hu kif ukoll huh jghidu illi l-incident kien wiehed uniku, imma dan gie kontradett kemm mill-attur, kif ukoll miz-zewg xhieda okulari u ndipendenti Andrew Xuereb u Anthony Grech. Hekk ukoll hadd minn dawn ix-xhieda ma ra lill-attur ixejjer bil-flixkun tal-Coca, u kieku tassew kien hekk, daqqa bhal din zgur kienet thalli xi tip ta' marka fuq wiccu, li kienet tkun anke evidenti lis-surgent li nvestiga l-kaz u li fost ohrajn kellem ukoll lil Anthony Demanuele. Il-konvenuti jichdu wkoll li ferew lill-attur b'xi tazza mkissra. A nzi jallegaw illi l-feriti li garrab f'wiccu u ghonqu gew ikkawzati meta l-attur waqa' fuq xi magni li kien hemm fl-art tal-*garage* fejn sehh dan l-incident. Imma, anke minn dak li xehed it-tabib Dr. Joseph Rapa, li dewwa lill-attur in segwitu ghal dan l-incident, fejn irrileva illi nehha xi frak tal-hgieg mill-feriti li kellu l-attur, jirrizulta minghajr dubbju

[1] Appell Krim. Pulizija vs Emily Zarb : 15.2.1958 .

illi dan inlaqat bil-hgieg u mhux b'xi haga ohra. Minn naha l-ohra l-konvenuti jammettu illi taw diversi daqqiet ta' ponn lill-attur, u ghalhekk il-hsara fi snienu m'hemmx dubbju li giet ikkagunata bl-agir taghhom.

“Jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss, kellu jigi accettat illi fl-ewwel incident kien l-attur l-aggressur, xorta wahda jibqa' l-fatt illi l-konvenuti qatt ma kienu gustifikati jergghu imorru, din id-darba flimkien, biex jiehdu s-sodisfazzjoni minghand l-attur. Kien biss dan it-tieni incident li kellu konsegwenzi gravi, li facilment setghu gew evitati, u ghalhekk ghad-danni rizultanti iridu jaghmlu tajjeb l-istess konvenuti. Ghaldaqstant huwa evidenti li ma kien hemm l-ebda *legittima difesa* fl-agir tal-konvenuti, ghax f'din it-tieni okkazzjoni marru minn jeddhom biex ipattuha lill-attur, meta dan kien ghadu qed jirpilja wara l-glieda ta' ftit minuti qabel.

“Gialadarba rrizulta sodisfacentement illi l-azzjoni tal-konvenuti ma kienitx wahda legittima, jigi illi huma civilment responsabbli ghal kwalunkwe hsara kkagunata permezz ta' l-agir taghhom, u dan a bazi tal-principju illi kull azzjoni kriminali taghti lok ukoll ghall-azzjoni civili ghad-danni.[2] Ma rrizultax min minnhom attwalment ta d-daqqiet li bihom l-attur tilef snienu u lanqas min xejjer it-tazza mkissra, u ghalhekk ghad-danni subiti mill-atturi iridu jaghmlu tajjeb it-tnejn li huma *in solidum*.

“LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

“Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Kif gie osservat mill-qrati taghna, f’din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, ghax kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Is-somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi.[3] Fl-ezercizzju ta’ din id-diskrezzjoni taghha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, ghandha thares lejn ic-cirkostanzi molteplici, u tista’ ukoll

[2] art. 3 Kodici Kriminali (Kap. 9) .
[3] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .

utilment tuza bhala *tests* biex tikkontrolla c-cifra finali, id-diversi modi ta’ kompitu suggerit mill-gurisprudenza estera f’dan ir-rigward, minghajr ma tivvinkola ruhha b’xi wiehed minnhom partikolari, sabiex b’dan il-mod ikun dejjem hemm certa elasticita’ ta’ kriterju adattabbli ghall-partikolaritajiet ta’ kull fattispecie.[4]

“Skond il-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f’zewg aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta’ qliegh futur (*lucrum cessans*).

**“A. Damnum Emergens:**

“Dawn normalment huma d-danni attwali u effettivi sofferti mid-danneggjat u mhux soltu jaghtu lok ghal kontroversja. Fil-kaz prezenti, l-ispejjez inkorsi mill-attur, skond ma jghid fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, kienu jikkonsistu fi spejjez medici ammontanti ghal hamsin lira maltija (Lm50). Dawn huma accettabbli fic-cirkostanzi. Jghid ukoll illi dam xahrejn ma jahdimx. Dik il-habta l-attur kien jahdem ghar-rasu bhala sajjied. Imma ma gab l-ebda prova dwar it-telf attwali tieghu f'dak il-perijodu. Ghaldaqstant jigi illi bhala danni attwali l-attur sofra biss Lm50.

**“B. Lucrum Cessan**s: Dwar il-metodu kif jigi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati taghna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost recentement mill-Qorti ta’ l-Appell : “*Jinghad illi l-qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta’ likwidazzjoni ta’ danni li f’kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinuzjaw ghall-fakolta’ diskrezzjonali taghhom….. Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza ‘Butler v. Heard’.*[5]

“Imma kif gie enfasizzat f’sentenza ohra ta’ dik il-Qorti, ccitata favorevolment fis-sentenza taghha f’dik il-kawza:

[4] Carmelo Fenech vs Antonio Galea ; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech ; vol. XLII. II. 1019 .
[5] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .

*““Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm-il darba mishhuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita’ ta’ kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta’ probabilita’. Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata sentenza m’hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista’ jkun mar-rejalta’.*[6]

“Ghal numru ta’ snin il-qrati taghna fil-maggjor parti tal-kazi segwew rigorozament il-metodu stabilit ghall-ewwel darba fil-kawza “**Butler vs Heard**”. Din il-kawza taghat origini ghal dak li jissejjah il-***multiplier system*** li fiha l-percentwali tad-debilita’ u l-qliegh annwali tal-korrut jigu moltiplikati bis-snin tal-hajja lavorattiva bazata fuq il-*life expectancy* tieghu mizjud b’percentwali biex taghmel tajjeb ghall-inflazzjoni u zidiet fil-pagi, u b’riduzzjoni ta’ certu ammont minhabba l-*lump sum payment*. F’dawn l-ahhar snin pero’ dan il-metodu ta’ kalkolazzjoni gie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jiehu konsiderazzjoni ahjar tac-cirkostanzi taz-zmenijiet attwali.[7]

“Meta sehhew l-incidenti mertu ta' din il-kawza l-attur kien *self employed* bhala sajjied. Kien jaghmel ukoll xoghol fuq bazi *part time* mal-korporazzjoni Enemalta, billi din kienet tinkarigah skond il-bzonn li jwassal l-impjegati taghha lejn u minn Kemmuna ghal Ghawdex. Mill-kopji tal-*profit and loss accounts* tieghu ghas-snin 1991 - 2000 annessi mar-*returns* tat-taxxa fuq id-dhul tieghu jirrizulta illi fuq firxa ta' ghaxar snin qabel ma sehhew dawn l-incidenti, l-attur kien jaqla' *average* ta' Lm2686 fis-sena. Dawn il-kontijiet qatt ma gew ikkontestati mil-konvenuti u l-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex taccettahom bhala verosimili. Fil-kawzi li segwew Butler vs Heard b’mod rigoruz, il-hajja lavorattiva ma kienitx tigi kkalkolata a bazi tas-snin kollha li kien ghad baqghalha tahdem il-vittma, kieku ma sehhx l-incident, imma normalment kienet tittiehed hajja lavorattiva ta’ ghoxrin (20) jew hamsa u ghoxrin (25) sena.

[6] Francis Sultana vs. John Micallef et noe. et : Appell : 20.7.1994 .
[7] Emanuel Mizzi vs Carmel Attard : sentenza ta’ din il-Qorti tat-13.5.2003 .

Illum il-gurnata pero’ meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi hafna pajjizi, inkluz taghna, qed itawwlu wkoll l-eta’ tal-pensjoni, ma baqa’ ebda raguni ghaliex il-hajja lavorattiva ma tigix kalkolata kollha.[8] Meta sehh dan l-incident l-attur kellu erba' u erbghin (44) sena[9] u ghalhekk kien ghad baqghalu hajja lavorattiva ta' 20 sena ohra. L-ewwel espert mediku ma sab ebda dizabilita' permanenti.[10] Imma l-periti addizzjonali stabilew percentwali ta' dizabilita' permanenti ta' wiehed fil-mija fil-mija (1%) minhabba n-nuqqas ta' mobilita' kagunata mic-cikatrici f'ghonq il-vittma u disa' fil-mija ohra (9%) minhabba t-telf tas-snien kollha ta' fuq.[11] Madankollu l-Qorti thoss fil-kuxjenza taghha illi dizabilita' daqstant gholja minhabba dan it-telf ta' snien li garrab l-attur hija xi ftit gholja zzejjed, tenut kont illi skond ma ddikjaraw l-istess esperti dawn is-snien kienu gia jbatu minn marda digenerattiva, u kull ma ghamlu l-konvenuti kien biss li bid-daqqiet ta' ponn li l-attur qala' f'wiccu, accelleraw il-process li eventwalment kien xorta wahda ser iwassal lill-attur biex jitlef snienu.[12] Terga' imkien ma ntqal u lanqas biss gie allegat illi l-attur qieghed jitlef xi xoghol minhabba din id-dizabilita'. Anzi rrizulta ammess minnu stess in kontro-ezami li huwa llum qed jiggestixxi b'certa success hanut tax-xorb fl-istess inhawi ta' l-Imgarr. Fil-fehma taghha ghalhekk percentwali ta' dizabilita' ta' hamsa fil-mija (5%) ghat-telf tas-snien ghandha tkun ferm aktar ekwa.

“Skond il-gurisprudenza kostanti, minhabba l-*lump sum payment*, ghandu jitnaqqas kwint (1/5). Ghalhekk l-ammont dovut irid jinhadem hekk: Lm2686 (paga bazi) x 20 (snin ta' hajja lavorattiva) x 6% (percentwali ta' debilita' permanenti) x 80% (minhabba l-*lump sum payment*) = Lm2578.56, pari llum ghal sitt elef u tmien ewro (EUR 6008) .

“RI-EPILOGU

---

[8] Agius vs. Galea et noe. : Kummerc : 11.7.1989 ; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989 ; Mario Camilleri vs Mario Borg : Prim’Awla : 8.5.1990 .
[9] ara dati relattivi indikati fl-okkorrenza tal-Pulizija Dok. JM 1 a fol. 56 tal-process .
[10] ara rapport ta' Mr. Charles Swain .
[11] ara rapport peritali addizzjonali a fol. 183 .
[12] ibid. a fol. 182 .

“Ghaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkagunati per konsegwenza ta' l-incident mertu ta' din il-kawza, huma s-segwenti:

“1. Damnum emergens: Lm50, pari ghal: EUR 116.50
“2. Lucrum Cessans: Lm2578.56 pari ghal: EUR 6008.00

“- Total ta' sitt elef mija erba' u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (EUR 6124.50).

“Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, tilqa' t-talbiet attrici u:

“1. tiddikjara lill-konvenuti Anthony Demanuele u Joseph Demanuele solidament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza;

“2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba fl-istess incident, fl-ammont ta' sitt elef mija erba' u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (EUR 6124.50); u

“3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu *in solidum* bejniethom l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju relattiv u dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-26 ta' Ottubru 2001 u tat-12 ta' Novembru 2001, kontra l-istess konvenuti.”

**L-appell tal-konvenuti**

3. Il-konvenuti appellanti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza hawn fuq indikata u minnha interponew appell, liema appell hu limitat ghal kwistjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni. Illi mkien fir-rikors tal-appell ma jidher li qed isir appell mill-kwistjoni dwar ir-responsabilita` ghall-incident.

4. L-aggravju principali tal-konvenuti appellanti huwa dwar il-mod kif gew likwidati d-danni u partikolarment il-lukri cessanti. Huma jsostnu dan l-aggravju ewlieni taghhom ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti b'diversi sottomissjonijiet dwar kif kellha ssir il-likwidazzjoni tad-danni, fosthom:

a. Mir-rapport tal-periti addizzjonali stess jidher li mill-incident inkwistjoni l-attur appellat ma sofra ebda konsegwenza fizika illi ma kienitx tezisti qabel l-incident, u nonostante dan, il-periti xorta sabu dizabilita` permanenti ta' 10%, li mbaghad giet ridotta mill-ewwel Qorti ghal 6%.

b. Ghalkemm l-ewwel Qorti affermat illi l-hsara li sofra l-attur fi snienu m'hijiex ser taffettwa l-impieg u d-dhul tieghu xorta wahda ffissat percentwali ta' 5%, meta l-principju huwa li wiehed m'ghandux jiehu danni bhala lukri cessanti ladarba d-dhul tieghu mhux ser jigi affettwat.

c. L-ewwel Qorti ma kienitx tenuta li ssegwi l-konkluzzjonijiet tal-periti nominati jekk dawn kienu arbitrarji u mhux logici.

d. Il-komputazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tikkuntrasta ma' komputazzjoni maghmula minnha f'decizjoni ohra (**J. Said vs M. Bugeja.** Citaz: 4/2002 deciza fit-8 ta' Mejju 2008) u minflok ikkomputat id-danni skont l-ezercizzju ta' **Butler vs Heard**, kif ghamlet f'din il-kawza, iffissat somma *arbitrio boni viri.*

e. F'kazijiet ohra, il-Qorti rriteniet li meta jkun hemm dizabilita` permanenti li ma tkunx ser taffettwa l-qliegh futur, m'ghandux ikun hemm likwidazzjoni tad-danni eccessiva, stante li telf patrimonjali ma sehhx. Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti stess qalet li d-dizabilita` ma affettwatx l-introjtu tal-appellat anzi jidher li qed imexxi negozju b'success.

f. L-attur appellat ma sofra ebda sfregju jew difformita` fil-wicc u t-telf ta' snin hu wiehed facilment li jista' jigi sostitwit.

5. Ghaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza surreferita, billi filwaqt li tichad it-talbiet attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati.

**Risposta tal-atturi Publius u Carmen Buttigieg**

6. L-appellati wiegbu ghar-rikors tal-appell billi sostnew li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma u li l-appell interpost, ghar-ragunijiet minnhom premessi, ghandu jigi respint u michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**Fatti mertu tal-kawza**

7. Din hija kawza ghad-danni *ex delicto* maghmula mill-atturi wara incident li gara fil-24 ta' Mejju 2001 fil-port tal-Imgarr Ghawdex, fejn l-attur Publius Buttigieg, gie aggredit mill-konvenuti li hebbew ghalieh, sawwtuh, inkluz permezz ta' oggett li jaqta', u tawh xeba bil-konsegwenza li l-attur safa' ferut. Il-konvenuti kienu kkontestaw kemm ir-responsabilita`, ghax isostnu illi huma rreaggixxew b'*leggittima difesa* ghall-aggressjoni tal-attur stess, kif ukoll l-allegazzjoni li l-attur sofra xi danni. F'dan l-appell il-kontestazzjoni hija limitata ghal likwidazzjoni tad-danni.

8. Ghal dak li huwa sfond tal-fatti in kawza, din il-Qorti taghmel riferenza ghar-rassenja tal-fatti maghmula mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha, fil-paragrafu intitolat FATTI u dan a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, liema sentenza tinsab inkluza fil-korp ta' din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. F'dan l-appell il-konvenuti appellanti qed jikkontestaw il-percentwali ta' debilita` permanenti stabbilita mill-periti addizzjonali u addottata in parte mill-ewwel Qorti. Huma mhux qed jikkontestaw l-ammont li gie stabbilit bhala dhul tal-attur u lanqas il-*multiplier*. Min-naha l-ohra l-appellati qed jillanjaw dwar il-fatt li l-ewwel Qorti rriduciet il-*lump sum payment in toto* minkejja li l-kawza

hadet daqs seba’ snin biex tigi deciza u li l-Qorti ma ghamlitx *allowance* ghal inflazzjoni ossija gholi tal-hajja. F’dan ir-rigward din il-Qorti tirrileva li l-appellati ma appellawx mis-sentenza tal-ewwel Qorti u lanqas ma ghamlu appell incidentali. Inoltre jigi notat ukoll li l-appellati fir-risposta taghhom ghall-appell tal-konvenuti talbu li din il-Qorti “tikkonferma s-sentenza appellata” ghalhekk, fic-cirkostanzi, dan l-appell ser jigi limitat biss ghal kwistjoni dwar il-percentwali ta’ debilita` permanenti stabbilita mill-ewwel Qorti li qed jigi kontestat mill-appellanti.

10. Jigi rilevat inoltre li ghalkemm l-appell huwa biss dwar il-likwidazzjoni tad-danni kif fuq intqal, quddiem l-ewwel Qorti l-konvenuti f’ebda mument ma ressqu xi nota ta’ kritika ghar-rapporti peritali jew ghamlu eskussjoni tal-periti. L-ewwel darba li tqajjmu lanjanzi dwar il-likwidazzjoni tad-danni kien biss fl-istadju ta’ dan l-appell.

11. In generali l-appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti ma kienitx tenuta li ssegwi l-konkluzzjonijiet tal-periti nominati meta r-rapport taghhom kien arbitrarju u mhux logiku. Din il-Qorti tosserva li bhal kull prova ohra, rapport ta’ perit tekniku hu kontrollabbli mill-gudikant u l-Qorti m’ghandha l-ebda obbligu li taddotta l-fehma espressa mill-perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha. Hu maghruf ukoll li fi kwistjonijiet ta’ natura teknika Qorti m’ghandhiex facilment tiskarta l-opinjoni espressa minnu. F’cirkostanzi simili sabiex tiskarta tali fehema, *“Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika."* [App.**C.Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat** [1967] Vol.LI.I.390].

12. F’dan ir-rigward din il-Qorti hija tal-fehma illi l-osservazzjonijiet maghmula mill-konvenuti ma jistghux jinghataw l-piz intiz minnhom billi dawn l-osservazzjonijiet dwar ir-rapporti peritali qeghdin isiru f’kuntest fejn il-konvenuti ma pprevalewx ruhhom mill-fakolta` lilhom moghtija mil-ligi li jeskutu lill-periti jew jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub dwar ir-rapport peritali qabel ma’ l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Certament is-

sottomissjonjijiet tal-konvenuti li r-rapporti tal-periti mhumiex logici u li huma arbitrarji mhumiex appoggjati mill-fatti u l-argumenti mressqa fl-appell taghhom ghalhekk ma humiex tali li jinewtralizzaw il-konkluzzjonijiet peritali jew urew li l-konkluzzjonijiet tal-perit m'humiex ragjonevoli.

13. L-appellanti jillanjaw ukoll li l-komputazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tikkuntrasta ma' komputazzjoni maghmula minnha f'decizjoni ohra (**J. Said vs M. Bugeja.** Citaz: 4/2002 deciza fit-8 ta' Mejju 2008) u minflok ikkomputat id-danni skont l-ezercizzju ta' **Butler vs Heard**, kif ghamlet f'din il-kawza, iffissat somma *arbitrio boni viri.*

14. Din il-Qorti rat is-sentenza li saret referenza ghaliha u tinnota l-ewwelnett li c-cirkostanzi f'dak il-kaz mhux necessarjament kienu l-istess bhal f'dan il-kaz. Inoltre f'dik il-kawza l-esperti ma kienux hargu b'percentwali ta' debilita` u l-Qorti ddecidiet li billi ma kienitx giet stabilita ebda percentwali li tista' tittiehed bhala bazi ghal-likwidazzjoni tad-danni kkalkolata fuq il-metodu ta' **Butler vs Heard**, f'tali cirkostanzi kien ghalhekk gust u ekwu illi tigi ffissata somma *arbitrio boni viri* li kellha taghmel tajjeb ghal dik is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha l-attur.

15. Fl-appell taghhom il-konvenuti jikkontendu li mir-rapport tal-periti addizzjonali stess jidher li mill-incident inkwistjoni l-attur appellat ma sofra ebda konsegwenza fizika illi ma kienitx tezisti qabel l-incident, u nonostante dan, il-periti xorta sabu dizabilita` permanenti ta' 10%, li giet imbaghad ridotta mill-ewwel Qorti ghal 6%.

16. Din il-Qorti tirrileva li l-ewwel espert Mr. Swain (kirurgu) ma kien sab ebda debilita` fizika[13], izda l-periti addizzjonali, li fosthom kien hemm espert dentist, taw lill-appellat 1% ghal debilita` fizika u 9% ghal parti dentali.

---

[13] Mr.Swain jirrelata li "Publius Buttigieg garrab feriti ta' natura hafifa fl-incident ta' l-24 ta' Mejju 2002. M'ghandu l-ebda dizabilita' permanenti. Nikkunsidra it-telf taz-zewg sinniet bhala sfregju zghir li tista jitranga bil-kura ta' dentist. Dan jinvolvi spejjez li jistghu jigu kkwantifikati mid-dentist".

Din il-percentwali ta’ 9% giet ridotta mill-Qorti ghal 5% ghar-ragunijiet minnha spjegati. Il-Periti addizzjonali ma qalux biss li kull konsegwenza fizika li bata’ l-appellat kienet tezisti qabel l-incident. Huma qalu li min-naha ortopedika kien hemm 1% bhala debilita` u min-naha dentali l-attur titlef diversi snien fi ftit jiem wara l-incident. Kien hemm perjodontite qabel l-incident u biz-zmien din setghet twassal biex dawn is-snien jintilfu xorta wahda. Izda kien minhabba dan l-incident li certament wassal biex dawn is-snien jintilfu aktar kmieni. Altru titlef snienek ta’ erbghin sena u altru titlifhom ta’ sittin jew aktar.

17. L-ewwel Qorti ma qablitx mal-periti u qalet hekk:

“L-ewwel espert mediku ma sab ebda dizabilita' permanenti. Imma l-periti addizzjonali stabilew percentwali ta' dizabilita' permanenti ta' wiehed fil-mija fil-mija (1%) minhabba n-nuqqas ta' mobilita' kagunata mic-cikatrici f'ghonq il-vittma u disa' fil mija ohra (9%) minhabba t-telf tas-snien kollha ta' fuq. Madankollu l-Qorti thoss fil-kuxjenza taghha illi dizabilita' daqstant gholja minhabba dan it-telf ta' snien li garrab l-attur hija xi ftit gholja zzejjed, tenut kont illi skont ma ddikjaraw l-istess esperti dawn is-snien kienu gia jbatu minn marda digenerattiva, u kull ma ghamlu l-konvenuti kien biss li bid-daqqiet ta' ponn li l-attur qala' f'wiccu, accelleraw il-process li eventwalment kien xorta wahda ser iwassal lill-attur biex jitlef snienu. Terga' imkien ma ntqal u lanqas biss gie allegat illi l-attur qieghed jitlef xi xoghol minhabba din id-dizabilita'. Anzi rrizulta ammess minnu stess in kontro-ezami li huwa llum qed jiggestixxi b'certa success hanut tax-xorb fl-istess inhawi ta' l-Imgarr. Fil-fehma taghha ghalhekk percentwali ta' dizabilita' ta' hamsa fil-mija (5%) ghat-telf tas-snien ghandha tkun ferm aktar ekwa”.

18. Ghalhekk l-ewwel Qorti filwaqt li kkonfermat li l-attur sofra debilita` permanenti, izda minhabba l-fatt li s-snien kienu gia` jbatu minn marda digenerattiva, u ma giex allegat illi l-attur tilef xi xoghol minhabba din id-dizabilita`, irriduciet il-percentwali li ffissaw il-periti ghal hamsa fil-mija. L-appellanti ma allegawx li l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha hazin. Fil-fatt l-ewwel Qorti kienet

diga` qeghdha tiehu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet li l-appellanti issa qed iressqu f'dan l-appell meta rriduciet il-percentwali.

19. L-appellati jsostnu li ghalkemm l-ewwel Qorti affermat illi l-hsara li sofra l-attur fi snienu m'hijiex ser taffettwa l-impieg u d-dhul tieghu xorta wahda ffissat percentwali ta' 5%, meta l-principju huwa li wiehed m'ghandux jiehu danni bhala lukri cessanti ladarba d-dhul tieghu mhux ser jigi affettwat. (Ara it-tieni u hames sottomissjonijiet fl-aggravju tal-appellanti).

20. Skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, "Il-fatt li min isofri lezjoni jkompli jahdem, sija pure fl-impjieg li kellu qabel l-incident, ma jipprekludihx li jiehu danni meta huwa bhala konsegwenza tal-incident ikun sofra dizabilita` permanenti. Din id-dizabilita` permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel ghalih fil-futur li jimmeljora l-posizzjoni finanzjarja tieghu, u kwindi ghal din ir-raguni huwa intitolat ghad-danni li jista' jsofri bhala konsegwenza taghha" (**Gatt vs Theuma** App.Civ. 27 ta' April 1987 (Vol LXX1 p2 p 136); App Civ. **Gatt vs Carbone** 7 ta' Lulju 1998, Vol LXXX11 p2 p 242).

21. L-appellanti jikkontendu wkoll li l-attur appellat ma sofra ebda sfregju jew difformita` fil-wicc u t-telf ta' snin hu wiehed facilment li jista' jigi sostitwit.

22. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **"Saviour Falzon vs Joseph Sammut"** (P.A 14 ta' Dicembru 2001 - Cit Nru: 942/1995) fejn gie deciz li "T*rattandosi ta' dizabilita` permanenti minhabba sfregju, filwaqt li huwa veru li din it-tip ta' dizabilita` mhijiex ser twaqqfu milli jahdem, pero` taghlaqlu l-opportunita` ghal diversi possibbiltajiet ta' xoghol u ghalhekk ma jistax ma jigix ikkunsidrat l-aspett ta' lucrum cessans kif jidher li qieghed jippretendi l-konvenut."* Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana"** (A.C 15 ta' Jannar 2002 – Cit. Nru 1229/92), intqal li:- "Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma l-persuna fil-possibbiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-

funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol tal-individwu." F'dan il-kaz li tispicca b'zewg sinniet imtajjra u titlef ohrajn qabel iz-zmien, zgur li ser jhalli effett psikiku negattiv fuq l-attur appellat u, kif gia` nghad, jaffettwah fil-possibilitajiet tieghu ta' xoghol.

23. Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti mhux gustifikat u konsegwentement qed jigi michud.

**Decide**

24. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Silvio Camilleri Geoffrey Valenzia Giannino
Caruana Demajo Prim Imhallef Imhallef Imhallef

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------